Bilkemm għaddew sentejn minn mindu Malta daħlet fl-Unjoni Ewropeja li ma bdietx taħdem flimkien ma' l-Università ta' Peruġja u dik ta' Lund fl-Isvezja f'proġett ta' kollaborazzjoni fl-Istudji Klassiċi mniedi mill-Professuri Carlo Santini u Nicoletta Natalucci għall-Peruġja, Prof. u Prof.a Jerker u Karin Blomqvist għall-Isvezja, u Dr. Joseph Mifsud għall-Malta. Wara laqgħat u seminars li saru barra minn Malta, kien imiss li, bejn l-4 u l-5 ta' Settembru, 2006, Malta tlaqqa' Konferenza Internazzjonali fuq it-tagħlim tal-Istudji Klassiċi, anke bis-saħħa ta' strumenti elettroniċi.

Din il-konferenza tista' tqassamha f'erba' partijiet: dik ta' studju fuq l-istorja ta' Ruma, dik ta' analisi ta' letteratura, dik ta' influenza tal-Klassiċi fuq l-epoka moderna, u dik tat-tagħlim ta' l-Istudji Klassiċi.

Wara l-introduzzjoni ta' Dr. Joseph Mifsud, l-organizzatur tal-Konferenza, li miegħu ħadmu Ms. Claudine Dalmas u Ms. Antoinette Chetcuti, Carlo Santini ta d-diskors tal-bidu, li jitratta fuq ir-relazzjoni bejn Ruma u Kartaġni minn sorsi letterarji. Wara tkellmu kelliema direttament fuq awturi Klassiċi, bħal Katullu (Paolo Fedeli), Verġilju (Horatio Vella), u Omeru (Aires Nascimento). Saru wkoll diskorsi fuq temi comparattivi, bejn Omeru u Harry Martinson (Jerker Blomqvist) u Omeru u Stefano D'Arrigo (Francesco Benedetti). Dan ta' l-aħħar jinteressa lilna l-Maltin għaliex Stefano D'Arrigo fil-*Horcynus Orca* tiegħu jsemmi lill-Malta u karattru Malti. Saru diskorsi fuq studji ġenerali, bħal dak tar-relazzjoni bejn il-letteratura u x-xjenza (Maria Pace Pieri), il-mara fl-era Klassika (Lina D'Andrea), *Der Mensch – Mängelwesen oder Krone der Schöpfung?* (Michael Schmude), u diskorsi fuq it-tagħlim tal-istudji Klassiċi fil-Litwanja (Nijole Juchneviciene), fil-Latvja (Ojars Lams), fir-Repubblika Ċeka (Lucie Pultrova), fl-Isvezja (Madeleine Wedin Shemweta u Ove Strid), li kienu diskorsi separati, wieħed fuq il-Latin, u l-ieħor fuq il-Grieg, u tnejn oħra separati fl-Italja (Nicoletta Natalucci u Corrado Carini).

B'kollox kien hemm rappreżentanti mill-Italja, Isvezja, Malta, Portugal, Litwanja, Latva u Repubblika Ċeka. Wieħed kien jinnota l-ġenerazzjoni żagħżugħa tal-parteċipanti mill-Isvezja u mir-Repubblika Ċeka li għamlu kontribut kbir fuq it-tagħlim ta' llum tal-Istudji Klassiċi, kif ukoll ħafna parteċipanti mill-Italja.

Din il-konferenza serviet biex isseħħ unità bejn diversi pajjiżi fl-Ewropa fil-qasam tal-Latin u tal-Grieg. Wieħed jitgħallem mill-ieħor fuq metodi differenti u ġodda kif ukoll qodma sabiex nakkomodaw udjenzi li llum huma neqsin mill-Kultura Klassika fl-iskejjel u huma aljenati b'tant suġġetti attraenti oħra.

Dr. Horatio C.R. Vella